**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 – Fakro sp. z o.o. vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(KawżaC-149/21 P)** ([1])

***(Appell – Kompetizzjoni – Ċaħda ta' lment mill-Kummissjoni Ewropea – Nuqqas ta' interess tal-Unjoni Ewropea)***

(2022/C 318/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Appellant:* Fakro sp. z o.o. (rappreżentanti: Z. Kiedacz u A. Radkowiak-Macuda, radcowie prawni)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Farley, I.V. Rogalski u J. Szczodrowski, aġenti), Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Fakro sp. z o.o. hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

([1]) ĠU C 182, 10.5.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sofiyski rayonen sad – il-Bulgarija) – Profi Credit Bulgaria vs T.I.T.**

**(Kawża C-170/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 93/13/KEE – Kreditu għall-konsum – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 6(1) – Eżami ex officio – Rifjut li tinħareġ ordni ta' ħlas fil-każ ta' pretensjoni bbażata fuq klawżola inġusta – Konsegwenzi marbuta man-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali – Dritt għal ħlas lura – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività – Tpaċija ex officio)***

(2022/C 318/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski rayonen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Profi Credit Bulgaria

*Konvenuta:* T.I.T.

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali, adita b'talba għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas u meta l-konsumatur li jkun id-debitur ma jipparteċipax fil-proċedura sal-ħruġ ta' din l-ordni ta' ħlas, hija obbligata teskludi ex officio l-applikazzjoni ta' klawżola inġusta tal-kuntratt ta' kreditu għall-konsum konkluż bejn dan il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat, li fuqha tkun ibbażata parti mill-kreditu invokat. F'din l-ipoteżi, il-qorti nazzjonali għandha l-possibbiltà li tiċħad parzjalment din it-talba, bil-kundizzjoni li dan il-kuntratt ikun jista' jibqa' jeżisti mingħajr ebda emenda oħra u mingħajr reviżjoni jew żieda, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-imsemmija qorti.